# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 7.4

**Kap 7: Bil-kuraġġ inħarsu 'l quddiem**

**Lezzjoni 7.4: Għandek valuri?**

**L-għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jirrevedu l-kelma 'valur'.
2. Jirrealizzaw li mingħajr il-kuraġġ u l-qawwa ħadd ma jikber.
3. Jifhmu li l-qies huwa kejl importanti biex wieħed iżomm l-ordni f'ħajtu u fil-ħajja ta' dawk ta' madwaru.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Animated Bible Story of the Good Samaritan

www.youtube.com/watch?v=cNxmihnSJuI

www.youtube.com/watch?v=VdaOyhfVDb4

- Karta ta' taħriġ 7.4



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tfakkar lit-tfal xi tfisser il-kelma 'Valuri'.
- Stieden lill-istudenti jirrevedu eżempji ta' valuri differenti u agħżlu erbgħa minnhom u araw kif u meta nistgħu napplikawhom fil-prattika fil-ħajja tagħna ta' kuljum.
- Staqsi:



  - Meta nista' nuri rispett?
  - Meta għandi nuri mogħdrija?
  - Meta għandi nkun ta' eżempju tajjeb għall-oħrajn?
  - Meta nuri li jien veru persuna responsabbli?

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Naraw flimkien video clip: *Animated Bible Story of the Good Samaritan.*
2. Irrevedi x'ġara u naraw li s-Samaritan it-Tajjeb kellu l-kuraġġ li jagħmel xi ħaġa li hi tajba allavolja kien hemm min seta' ma jaqbilx miegħu. Nies oħrajn kienu beżżiegħa u għalkemm setgħu jgħinu, dan m'għamluhx u ħallew lil dak ir-raġel ibati.
3. Staqsi lill-istudenti x'deher l-aktar fis-Samaritan – il-kuraġġ u l-qawwa.
4. Staqsi lit-tfal: Meta nuru li aħna kuraġġużi jew qawwija? It-tweġiba trid tkun: meta ngħidu l-verità - meta nwarrbu l-logħob biex naqdu.........

5. Stieden lill-istudenti jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet 7.4 u wara li taqra s-silta mogħtija, iddiskuti Attività 1.
6. Iddiskuti l-istorja tal-istudenti u wara oħroġ bħala klassi l-valuri li jduru ma' din l-istorja.
7. Iġbed l-attenzjoni għall-Attività 2 u għen lill-istudenti jimlew il-vojt.
8. Mimdudin - naħfer – nobdi
1. Weqfin – ngħin – rispett
2. Irreferi għal Attività 3 u iġbed l-attenezjoni għall-fatt li l-kuraġġ jidħol f'ħafna mill-azzjonijiet tagħna – fuq kollox biex nagħtu lil kulħadd dak li ħaqqu...biex inkunu ġusti.
3. Agħlaq il-lezzjoni b'talba mill-istudenti stess. Jekk l-istudenti jkunu jixitiequ, erġa' urihom il-video tas-Samaritan it-Tajejb.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. 'Valur' hi dik ix-xi ħaġa tajba fil-persuna li tgħinha tgħix bil-għaqal u fil-paċi mal-oħrajn.

2. Il-kuraġġ u l-qawwa ħa jgħinuni nikber sew.

3. Eżempji ta' kuraġġ u qawwa huma meta nirrispettaw anke lil min mhux ħabib tagħna




## Nagħżlu flimkien (L-Attitudni)

It-tfal juru li ma jibżgħux u ma jaqtgħux qalbhom meta jkunu jafu li qegħdin jagħmlu xi ħaġa tajba għalihom jew għall-oħrajn.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Animated Bible Story of the Good Samaritan

www.youtube.com/watch?v=cNxmihnSJuI

www.youtube.com/watch?v=VdaOyhfVDb4



## Nitolbu



Mulej Ġesù, jien irrid infittex li dejjem

nagħmel dak li hu sewwa u dak li hu tajjeb għalija

u għall-oħrajn biex inkun nixbah lilek.  Bil-għajnuna

u t-tagħlima tiegħek, jiena nista' nagħmlu dan!